MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Numru. 788/2012

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Bernard Mifsud, iben Gaetano, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ April, 1993, karta ta’ l-identita numru 165993(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’Malta, matul ix-xahar ta’ Mejju, 2012, u cioe’ fit-2 ta’ Mejju, 2012, għal ħabta tat-8.50 p.m.; fl-4 ta’ Mejju, 2012 għal ħabta ta’ nofs il-lejl; fl-10 ta’ Mejju, 2012 għal ħabta tad-9.15 p.m.; fil-11 ta’ Mejju, 2012 għal ħabta tal-00.05 a.m. u fil-21 ta’ Mejju, 2012 għal ħabta tad=9.00 p.m.; b’diversi atti magħmulin mill-istess imputat, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ħew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. uża xi ‘network’ jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriza għal għan li m a kienx dak li

kien ġie fornut għalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li kienu maħruġa mill-impriza għall-użu kif imiss tan-‘network’ jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b’mod mhux kif imiss;
2. iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva diversi reati li jaf li ma sarux, ikella b’qerq ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li setgħu jinbdew proċeduri Kriminali sabiex juzguraw li dawk ir-reati kienu saru.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Novembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u l-eta’ ta’ l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------